# Gianluca jerġa' jpoġġi lil Malta mal-aqwa għaxra

minn **Noel D'Anastas** – ndanastas@gmail.com

Issa li *Tomorrow* hi biss storja tal-bierah, żgur li l-avventura ta' Gianluca Bezzina fil-Eurovision f'Malmö se tibqa' mmarkata b'ittri kbar fid-djarju ta' hajtu. U bir-raġun!

"A doctor and part-time singer", kif iddiskrivietu t-*tabloid* Ingliża *Daily Mirror* fejn fl-analiżi tal-kanzunetti ftit jiem qabel kienet tatu *rankings* gholja, ir-riżultat miksub fit-tmien post ikkonferma dan. Konna ilna mill-2005 ma nsibu postna mal-ewwel ghaxra. F'dik is-sena, Chiara kienet klassifikata fit-tieni post.

Jiem qabel ittella' s-siparju, fir-Renju Unit, Fr Alexander Lucie-Smith fil-*Christian Herald* kien wassal messaġġ biex ghall-jum tal-Pentekoste, jitolbu wkoll ghall-kanzunetta Maltija. It-talb wasal ukoll! Il-*band* Ingliża Coldplay iffansjatu u l-kliem pożittiv mill-preżentatur tar-RAI ghall-prestazzjoni ta' Gianluca kien ta' inkoraġġiment ghal dak li xtaqna niksbu.

Bil-karizma u l-personalità tieghu, u b'dahqa sinċiera u saqajh dejjem mal-art, *Dr Feelgood* irnexxielu jisraq is-simpatija mhux biss tal-Maltin, li imqar ghal ftit minuti ghaqqadhom taht l-abjad u l-ahmar, iżda wkoll l-appoġġ moghti minn bosta pajjiżi Ewropej meta 22 pajjiż minn 39 li hadu sehem ivvutaw ghal Malta fil-finali.



### Kbir fis-sempliċità

Fl-Arena ta' Malmö, Gianluca kien kbir fis-sempliċità tieghu u rilassanti. Il-prestazzjoni mimlija hajja, interpretazzjoni brillanti u ottimiżmu ta' Gianluca u shabu fuq l-*istage* kienet evidenti f'dak li twassal f'*Tomorrow* li niżlet tajjeb hafna.

Personalment inhoss li l-prestazzjoni tal-Hamis kienet ahjar. Dean Muscat u Boris Cezek sabu formula tajba, kanzunetta sempliċi minghajr wisq frilli żejda li appellat ghal udjenzi varji. Instemghet friska minkejja li forsi mhux daqshekk innovattiva.

Il-*backdrop* fuq l-*istage* kien effettiv bid-dwal isfar u blu jikkumplimentaw tajjeb ma' dak li ġie proġettat fuq il-palk kollu waqt *Tomorrow*. Jixirqilhom tifhir ukoll Gabriel Cassar, Christopher Tate, Louise Ann Bugeja Tate, Samaria Bezzina u Kenny D'Ugo li kienu fuq l-*istage* ma' Gianluca. L-istess ghandu jinghad lill-kontinġent li minn Frar sal-ġimgha l-ohra kien qed jippompja biex naqtghu figura tajba.

L-isem ta' Gianluca Bezzina kien kważi mitluf hdejn il-kalibru tal-fama internazzjonali ta' Cascada ghall-Ġermanja li probabbli taghmel *hit* matul dan is-sajf; Anouk ghall-Olanda, Marco Mengoni ghall-Italja u Bonnie Tyler ghar-Renju Unit b'din il-kantanta stabbilita tispiċċa fid-19-il post.

Bhas-sena l-ohra, il-Gran Britannja reġghet ittamat f'esponent maghruf, iżda reġghet ma ngabritx. Mengoni bil-kanzunetta sabiha u sempliċi *L'Essenziale* inghoġob u akkwista 6 punti aktar minna. Madankollu, Malta rnexxielha tiġi qabel bosta pajjiżi kwotati.

### Tirbaħ id-Danimarka

Il-festival intrebah mid-Danimarka, b'Emmelie de Forest li kantat kanzunetta folk-pop sempliċi, *Only Teardrops*, li ġabet 281 punt. Warajha ġie Farid Mammadov tal-Ażerbaijan fi spettaklu mill-aqwa li twassal f'*Hold Me*, segwit minn Zlata Ognevich tal-Ukrajna bid-diska *Gravity*.

Taqbel jew ma taqbilx mar-riżultat, hu minnu li l-Eurovision Song Contest f'dawn l-ahhar ftit snin ha dimensjoni akbar fil-produzzjoni. L-ispettaklu kien ċelebrità, b'kurżita jhallik issegwi, anki jekk forsi tikklassifika dan il-manifest bhala insult lejn il-mużika.

Il-kontroversji ma jonqsu qatt, mhux biss ghall-mod kif jivvutaw il-pajjiżi Baltiċi, Skandinavi, l-ex blokk Sovjetiku u s-soltu rabta bejn Ċipru u Greċja, iżda wkoll ghal xi stqarrija politika bhal fil-każ tal-bewsa 'lesbjana' ta' Krista Siegfrids tal-Finlandja – protesta kontra l-parlament Finlandiż ghad-deċiżjoni li ha sena ilu b'vot kontra l-leġislazzjoni taż-żwieġ bejn koppja *gay*. Minhabba din il-bewsa, it-Turkija ma xandritx il-festival.

### L-eċitament, il-ġirien u l-ħbieb tal-ħbieb

L-eċitament fis-semifinali biex naraw jekk Malta ssibx postha fil-finali u wisq aktar waqt il-maratona tal-ghoti tal-voti matul il-finali kien fl-aqwa tieghu. F'mumenti konna qed nilaghbuha bejn ir-raba' u l-hames post – il-patrijottiżmu kien fl-aqwa tieghu!

Din is-sena qisna nsejna l-ipotesi tal-maghkus, dik tal-ġirien u tal-hbieb. Ġeneralment l-ewwel tliet pajjiżi klassifikati jkunu kollha kanzunetti li jaqblu fuqhom il-maġġoranza tal-pajjiżi. Il-bqija tkun kwistjoni ta' tahlita politika. Dan hu rifless ukoll f'dak li ġara fl-minn dak li oriġinarjament kellu jinghata mill-Ażerbaijan, ex Repubblika Sovjetika, wara li l-operaturi tat-telefonija ċellulari irriżultalhom li 10 punti kellhom imorru ghar-Russja, iżda finalment ma hadu xejn minghand l-Ażerbaijan. Ir-Russja min-naha taghha tat il-massimu lill-Ażerbaijan.

Fit-tieni semifinali li fiha Malta hadet sehem, ikklassifikajna fir-raba' post b'118-il punt wara l-Ażerbaijan li ġab 139 punt, il-Greċja 121 punt, u n-Norveġja b'120 punt. Ghall-kronaka, Malta hadet 12-il punt mill-Ażerbaijan, il-Maċedonja u n-Norveġja, 10 punti minn San Marino filwaqt li l-Bulgarija u Spanja ma tawna xejn.

Fil-finali, 22 pajjiż ivvutaw ghal Malta ghal total ta' 120 punt: 10 punti minn San Marino, Norveġja, Italja; (8) Olanda, Ungerija, Ażerbaijan; (7) Renju Unit, Belarus; (6) Armenja; (5) Rumanija, Latvja, Estonja, Ġermanja, Iżlanda; (4) Danimarka; (3) Greċja, Georgia, Maċedonja, Ċipru; (2) Ukrajna, Franza, u (1) Spanja.

Min-naha l-ohra, tohroġ il-ghaġeb kif f'dawn l-ahhar erba' edizzjonijiet, mill-2010 sal-lum, Malta dejjem tat il-massimu ta' 12-il punt lill-Ażerbaijan, wiehed mill-aktar pajjiżi li jinvesti f'dan il-manifest. L-ghaxar punt tal-Maltin mar ghand l-Ukrajna, segwit minn (8) l-Italja, (7) Rumanija, (6) Danimarka, (5) Renju Unit, (4) Greċja, (3) Norveġja, (2) Belarus u (1) l-Armenja.

Sena ohra dalwaqt terġa' tkun maghna u nittamaw li Malta, li diġà ghandha post fil-Eurovision, tkompli tahdem fuq il-passi pożittivi ta' din is-sena u fuq il-formula friska u innovattiva li tappella ghal udjenza vasta. Nittamaw! Prosit Gianluca, Prosit Malta.





Nhar it-Tnejn, 3 ta' Ġunju

Hanut ĠDID ta' PIN Publications

Hdejn id-Dar Ċentrali, fi Triq Mountbatten, Il-Hamrun.

OFFERTA SPEĊJALI TA' 20% SKONT

PIN PUBLICATIONS, il-Hamrun.
tel.: +356 25965463 email: shop@media.link.com.mt
fittixna fuq www.facebook.com/pinmalta